## Kumitat tal-Festa ta' Santu Wistin 2007 - 2009

| | |
|---|---|
| **President Onorarju** | L-*Eċċ Tiegħu Profs. Guido Demarco (President Emeritus)* |
| | *Dr Ray Bondin* |
| | *Sur Mario Falzon* |
| | *Sur Albert Grima* |
| | *Sur Ian Ellis* |
| | *Sur Mario Vella* |
| | *Sur Ivan Bartolo* |
| **President** | *Sur Charles Borg* |
| **Viċi - President** | *Sur Vincent Grech Mallia* |
| **Segretarju** | *Sur Mario Joseph Spiteri* |
| **Prokuratur u Kapp.** | *Fr. Francis Saviour Grima osa* |
| **Membri** | *Sur Mario Mintoff* |
| | *Sur Jesmond Vassallo* |
| | *Sur Carl Calleja* |
| | *Sur John Farrugia* |
| | *Sur Alexander Peplow* |
| | *Sur Paul Vassallo* |
| | *Sur Denis Darmanin* |
| | *Sur Justin Gerada* |

## Nixtiequ nirringrazzjaw:

Nirringrazzjaw lil **Karmenu Camilleri** tax-xogħol kollu li offra fl-injam.

Lil **Anna Bondin** tax-xogħol tal-Ħjata li għamlet fuq il-loppi l-ġodda.

Lil **Jesmond Vassallo**, **Carl Calleja** u **Lina Mamo** tax-xogħol ta' fundraising

Ringrazzjament **lill-helpers kollha** li matul is-sena dejjem joffru s-servizz ta' tindif u l-attivijiet kollha li jsiru fil-Parroċċa u l-Fund Raising.

**Lil dawk kollha** li taw l-għajnuna tagħhom biex il-festa ta' din is-sena tkun suċċess bħal tas-snin l-oħra.

Grazzi wkoll lil dawk id-ditti li għoġobhom jirriklamaw f'dan il-programm tal-Festa.

*Grazzi.*







fil-knisja u kemm fit-territorju tal-parroċċa u 'l hemm minnu sabiex il-Bxara t-Tajba titwassal lill-parroċċjani fis-sitwazzjonijiet konkreti tagħhom u lil dawk kollha li javviċinawna. Għal dan jixhed in-numru sabiħ ta' għaqdiet u kummissjonijiet li jeżistu fil-parroċċa u d-diversi ħidmiet li jsiru f'għadd ta' oqsma mill-aktar varji. Mhu ħa nsemmi l-ebda wieħed minn dawn l-oqsma biex ma naqħtix l-impressjoni li qiegħed nipprivileġġa xi wieħed minnhom. Dak li nixtieq ngħid hawn huwa li kemm l-Arċisqof u kemm ir-responsabbli tal-kurja baqgħu mpressjonati b'din il-ħajja, faħħruha u nkuraġġewna biex inkomplu nifirxu l-ħidma parrokkjali u nistudjaw meżżi ġodda kif ninpenjaw il-parroċċani f'din il-ħidma.

**Komunità formata biex tevanġelizza**.

*"Il-Parroċċa hija l-komunita' tal-aħwa nsara ġewwa territorju li tgħix lil Kristu u t-tagħlim tal-Knisja, mibgħuta biex tevanġelizza"*. Hekk qalilna bejn wieħed u ieħor l-Arċisqof fl-omelija li għamel fil-15 ta' Marzu 2009, jum il-ftuħ tal-Viżta Pastorali. Hekk kompla jgħid matul il-laqgħat li kellu mal-Kunsill Parrokkjali, mal-kummissjonijiet, mal-gruppi u mal-persuni. Fil-laqgħa li kellu mal-Kunsill Parrokkjali l-Arċisqof insista fuq dawn iż-żewġ punti: Kristu huwa ċ-ċentru tal-ħajja u tal-ħidma tal-parroċċa. Fuqu u miegħu tinbena l-komunità parrokkjali. Kristu għalhekk irid ikun iċ-ċentru ta' mħabbitna u jekk tassew inħobbuh ma nistgħux inżommuh għalina. Huwa meħtieġ li aħna mwassluh lil ħaddieħor. Fi kliem ieħor, aħna bħala komunita' parrokkjali rridu nkunu evanġelizzatturi. Din hija waħda mir-rakkomandazzjonijiet kapitali li għamlilna l-Arċisqof.


